# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002.**

**Kawza Numru: 11**

**Citaz. Nru. 1023/01 GV**

**Neriku Confectionary Ltd.**

**Vs**

**Joseph Galea u Margaret Galea.**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha lgie premess illi illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf hames mija u tlieta u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm1,583.44) (inkluz l-imghax fuq l-istess) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' catering li l-istess socjeta' irrendiet lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom stess, u dana kif jidher mill-istatement of account hawn anness u mmarkat DOK A ;

Premess illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti ;

Premess illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf hames mija u tlieta u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm1,583.44)

huwa cert, likwidu u ezigwibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas tas-somma msemmija, anke minhabba l-fatt li kull darba li rapprezentant tas-socjeta' attrici kellem lill-konvenuti Margaret Galea hija rrispondietu li kienet ser thallas, u dana kif jidher minn affidavit hawn anness u mmarkat DOK B.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun ;

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza, u dana kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet Ta' Malta) ;

2. tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u tlieta u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu Lm1,583.44).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**